MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 936/1998/1

**Vincent Camilleri**

**v.**

**Sylvia Cutajar**

**Il-Qorti:**
**Preliminari;**

B'citazzjoni ppreżentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Mejju, 1998 l-attur ippremetta illi b'kuntratt tal-15 ta' Marzu, 1985 atti Nutar John Gambin saret id-diviżjoni ta' l-assi ereditarji ta' Carlo u Giuseppa konjuġi

Camilleri, ġenituri tal-kontendenti; illi f'dan l-att ta' qasma, fejn kienu komparteċipi wkoll erbat aħwa oħra tal-kontendenti, lil Vincent Camilleri ppervieniet bix-xorti l-ewwel porzjoni metri l-konvenuta rċeviet it-tielet porzjoni; illi *inter alia* fost l-assi kien hemm l-art denominata "Ta' Wied il-Qoton" fil-limiti ta' Birżebbuġa; illi l-istanti messitu minn din l-aħħar imsemmija art il-porzjonijiet markati bl-ittri "D" u "DD" mentri lill-konvenuta ġew assenjati l-porzjonijiet "E" u "EE"; illi l-art de quo kienet okkupata mil-bidwi u b'hekk ma setgħux jiġu stabbiliti l-qsami fuq l-art qabel ma l-kawża inizjata kontra l-bidwi tiġi definita per sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' l-20 ta' April, 1995, in re "Vincent Camilleri et –vs– Salvu Spiteri" (Rikors Numru 7/B/85); illi in segwitu għall-ivvakar tal-bidwi mil-art ġie inkarigat il-Perit Ian Zammit biex jagħti l-posti fit-termini tal-kuntratt tad-diviżjoni surreferit; illi l-attur ma qabilx mal-posti kif stabbiliti mill-perit u/jew mid-disinjatur inkarigat minnu, billi dawn ma jirriflettux u ma humiex konformi mal-kejl u l-kontenut tal-porzjonijiet rispettivi; illi in effetti l-konvenuta, li għandha l-porzjonijiet tagħha mill-art imsemmija adjaċenti għal dawk ta' l-attur, gia` żviluppat porzjoni assenjata lilha u f'dan l-iżvilupp invadiet il-porzjoni ta' l-attur; illi l-konvenuta nonostante li ġiet interpellata tirripristina kollox fl-istat li kien konformement mal-kuntratt ta' qasma surreferit, hi baqgħet inadempjenti;

Dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeċiedi illi qsami stabbiliti mil-Perit Ian Zammit ma humiex konformi mal-konfigurazjoni, kejl u kontenut tal-porzjonijiet assenjati rispettivament lill-kontendenti mill-art ta' Wied il-Qoton limiti Birżebbuġa bil-kuntratt ta' diviżjoni tal-15 ta' Marzu, 1985 atti Nutar John Gambin;

2. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuta nvadiet, biex xogħlijiet minnha esegwiti fuq waħda mil-porzjonijiet lilha assenjata, il-porzjoni assenjata lill-attur;

3. tinnomina Perit Arkitett biex jistabilixxi l-posti u qsami bejn il-porzjonijiet li ppervenew lil-kontendenti fil-parametri tal-preċitat kuntratt ta' diviżjoni;

4. tikkundanna, okkorrendo, lil-konvenuta sabiex terġa' tirripristina lill-attur dak il-kejl ta' art kif stabbilit mil-perit ġudizzjarju li ġie meħud lill-istanti mill-istess konvenuta;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali ta' l-1 ta' April, 1998, kontra l-konvenuta nġunta minn issa għas-subizzjoni.

B'nota ppreżentata fl-1 ta' Ottubru, 1998 il-konvenuta eċċepiet;

"1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li mhux minnu illi l-esponenti nvadiet proprjeta` ta' l-attur.

"2. Illi kien fuq insistenza ta' l-istess attur li tqabbad il-perit Ian Zammit u dan, wara li aċċeda fuq il-post, stabbilixxa l-posti tal-partijiet u kkonferma liema kienet il-proprjeta` li attwalment għandha tgawdi l-esponenti u hija bniet fil-proprjeta` hekk definita u stabbilita mill-istess perit mingħajr ma daħlet, b'ebda mod, fil-proprjeta` ta' l-attur. Fil-fatt skond il-kejl tal-istess perit, fuq il-pjanta, l-esponenti setgħet daħlet bi tlett metri tul fil-proprjeta` li ġiet assenjata lill-attur iżda din għażlet li titlef l-istess strixxa ta' tlett metri, sabiex tirrenja l-paċi bejn l-aħwa. Hija għalhekk permezz tal-preżenti, una volta intavolata din il-kawża, qegħda żżomm fermi d-drittijiet tagħha dwar l-istess.

"3. Illi l-esponenti tagħmel riferenza għal-kuntratt imsemmi mill-istess attur u tiċċita l-parti segwenti u cioe`: "Il-partijiet kollha proprio et nomine jiddikkjaraw ruħhom kuntenti u sodisfatti bil-mod kif saru dawn id-diviżjonijiet. Partikolarment huma qegħdin in forza ta' dan l-istess kuntratt jirrinunzjaw reċiprokament għad-drittijiet ta' ekwiparazzjoni li huma għandhom kontra xulxin u naxxenti minn dawn iż-żewġ diviżjonijiet. Huma qegħdin jaċċettaw l-immobbli li ġew assenjati lilhom *tale quale* u fl-istat attwali li jinsabu fihom illum u bis-servitujiet kollha li jistghu tal-volta jaggravawhom. Jiddikjaraw ukoll illi ma

għandhom u ma jippretendu kontra xulxin ebda drittijiet jew pretensjonijiet ta' kwalunkwe indole jew natura f'dan ir-rigward, cioe`, rigward din id-diviżjoni." Illi għalhekk, anke jekk stess l-attur għandu xi raġun f'dak li qiegħed jippretendi, bil-fatt li huwa stess aċċetta li ma għandu dritt ta' ebda natura kontra l-esponenti, una volta li l-esponenti mxiet skrupolosament ma' dak stabbilit mil-perit imqabbad mill-istess partijiet kollha konċernati sabiex jagħmel il-posti, l-attur ma jista' jivvanta ebda drittijiet kontra l-esponenti. Fi kliem ieħor il-partijiet kienu qablu li jappuntaw lil perit Ian Zammit bħala l-persuna teknika sabiex tistabilixxi hija l-konfini ta' kull parti u għalhekk una volta li l-attur issottometta ruħu – anzi kien hu li għażel lil perit – għal din id-diviżjoni u aċċertazzjoni tal-artijiet ta' kull parti, ma jistax issa, għax ma jaqbilx, jivvanta drittijiet li m'għandux."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fl-1 ta' Novembru, 2006 bil-mod segwenti:-

"Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet attriċi u għalhekk;
"1. tiddikjara li l-qasmi stabbiliti mill-Perit Ian Zammit ma kinux konformi mal-kejl stabbilit mill-att ta' diviżjoni;

"2. tiddikjara li l-konvenuta invadiet il-proprjeta` assenjata lill-attur fl-istess att;

"3. tinnomina lill-AIC Joseph Ellul Vincenti biex jistabilixxi l-posti fil-parametri tal-kuntratt ta' diviżjoni u fil-parametri ta' din is-sentenza u senjatament li l-ħajt diviżorju jiġi demolit u jittella fuq il-livell baxx imsemmi proprjeta` tal-konvenuta u li r-razzett jiġi assenjat lill-attur filwaqt li l-attur hu awtorizzat biex a spejjeż tiegħu jibni ħajt fil-bir kif jiddiriġih l-istess perit;

"4. tilqa' l-aħħar talba kif fuq indikat.

“Ix-xogħlijiet f’kull każ għandhom isiru taħt is-superviżjoni ta’ l-AIC Joseph Ellul Vincenti bl-assistenza ta’ l-Avukat Dottor Joseph Bonnici jekk ikun il-każ.

“L-ispejjeż tal-kawża hlief dawk imsemmija, għandhom jiġu sopportati bejn il-partijiet f’ismha indaqs izda dawk ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza (eccetto fir-rigward tal-bir) għandhom ikunu a kariku tal-konvenuta.”

U dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat;

“Illi l-attur qed jallega li l-konvenuta ħaditlu parti mill-proprjeta` li hija indikata fil-kuntratt ta’ divisjoni li kien sar bejniethom u ħuthom l-oħra tal-15 ta’ Marzu, 1985. F’dan il-kuntratt kienet ġiet diviża l-proprjeta` li kellhom in komuni l-aħwa Camilleri. Il-partijiet f’din il-kawża messhom fost oħrajn, proprjetajiet adjaċenti. Dawn kienu maqsuma minn ħajt tas-sejjieħ. Jirriżulta illi meta l-konvenuta waqqgħet dan il-ħajt inqalgħu l-problemi li wasslu biex infetħet din il-kawża u dan għaliex l-attur qed isostni illi;

1. Il-ħajt li tellgħet il-konvenuta ma telax fejn kellu jitla’ u ġiet invasa l-proprjeta` tiegħu;

2. il-btieħi u/jew maqjel li kienu skond hu parti mir-razzett kellha jkunu mal-*plot* tiegħu; u

3. il-bir ħdejn ir-razzett kien parzjalment taħt il-proprjeta` tiegħu u allura huwa kellu dritt għal dan il-bir.

“Il-problemi nqalgħu prinċipalment għal żewġ raġunijiet; l-ewwel nett għaliex meta sar l-att tad-diviżjoni ma sarx kejl b’mod professjonali billi l-għelieqi in kwistjoni kienu f’idejn il-bidwi illi wara ġie zgombrat (u anke għaliex dak iż-żmien bejn il-partijiet ma kienx hemm kwistjonijiet) u mbagħad għax meta l-konvenuta waqqgħet il-ħajt divizorju minflok żammet il-wisa’ preċedenti (żewġ piedi u nofs) tellgħet wieħed ta disa’ pulzieri; ma’ dan wieħed irid izid li l-art tal-attur qegħda iktar fil-gholi minn dik tal-konvenuta.

"Illi din hija forma ta' azzjoni rivendikatorja fejn l-attur qed jitlob li jintradd lura l-art in kwistjoni għalkemm iċ-ċirkostanzi tagħha jixbhu iktar lill-azzjoni *finum regundorum* li xorta wahda pero` għandha diversi elementi komuni ma' l-azzjoni rivendikatorja.

"Hu magħruf tradizzjonalment illi f'kawża simili l-attur irid jipprova t-titolu tiegħu mingħajr ebda ombra ta' dubju – ara per eżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fl-1958 fil-kawża fl-ismijiet Borg vs Buhagiar. F'dik il-kawża ntqal illi kwalunkwe dubju għandu *jimmilita favur il-konvenut possessur.* Din hija biss eżempju għaliex hemm diversi sentenzi oħra simili. Wieħed jista' jsib rassenja dettaljata tagħhom fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet Anthony Mercieca vs Anthony Buhagiar fit-23 ta' Ottubru, 2001 (Onor. Imhallef R Pace). Fiha ġie ċitat ukoll l-awtur Torrente li qal hekk;

*"La rivendicażione e' la principale delle azioni petitorie ed e' concessa a favore di colui che si afferma propietario di un bene, ma non avendo il possesso, ne pretende la consegna da colui che lo possiede o detiene. L'attore in ocnformita' delle regole generali, ha l'onere di dimostrare il suo diritto; percio' se l'acquisto non w'a titolo originario. Ha l'onere di dare la prova del suo titolo di acquisto dei precedenti titolari fino ad arrivare ad un acquisto a titolo originale. A voler andare all'infinoto, la prova sarebbe, se non addirittura impossibile, estremamente difficile (gli antichi parlavano di probatio diabolica)."*

"Fis-snin riċenti din il-pożizzjoni ċċaqalqet xi ftit tant illi l-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijet John Vella et vs Sherlock Camilleri mogħtija fit-12 ta' Dicembru, 2002 adottat posizzjoni kemmxejn differenti billi qalet illi;

"*Il-Qrati tagħna, konsapevoli bid-diffikulta` li ssir tali prova u fl-interess tal-ġustizzja aċċettaw il-possibilt`' li l-attur jirnexxi fil-kawża li jagħmel in forza tal-actio publicana. Hekk fil-kawża Attard nomine vs Fenech deċiża mil-Qorti ta' l-Appell fl-1875 (Vol VII p 390) osservat, 'che l' azione intentata dell'attore nel suo libello quale procuratore*

*dell'assente Angelo Zarb e' duplice, la rivendocaoria e la publicana, giusta i principii della leggeromana; colla prima l'attore deve provare di aver il dominio della cosa che vuole rivendicare; colla seconda di averne avuto il possesso e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu debole del suo. Che e' ricevuto nel foro che le dette due ażioni si possono cumulare ed esercitare alternattivamente, nonostante che anche tendono allo stess oggetto (ara wkoll* Fenech vs Debono *– Prim'Awla – 14 ta' Mejju, 1935)."*

"Il-Qorti tħoss li l-aħjar mod li ssolvi l-vertenza hija li tieħu l-aggravji ta' l-attur waħda waħda u tara jekk dawn l-aggravji humiex ġustifikati fil-kwadru ukoll ta' l-eċċezzjonijiet intavolati mil-konvenuta. L-ewwel eċċezzjoni hija fattwali u għalhekk l-attur irid dejjem jipprova l-każ tiegħu filwaqt li t-tieni eċċezzjoni hija fis-sens li ladarba l-partijiet kienu kuntenti bil-kuntratt ta' divisjoni ma jistax issa jattakka l-konfini. Il-Qorti ma thossx li din l-eċċezzjoni hija ġustifikata għaliex l-attur mhux qed jattakka d-divisjoni *ut sic* izda l-qasma li saret wara mil-Perit Zammit li għaliha ma hemm ebda riferenza fl-ebda kuntratt.

"Fir-rigward tal-ħajt jidher li l-konvenuta wara illi waqqgħet il-ħajt li kien jifred il-proprjetajiet li kif gia` spjegat kien ta' wisa' ta' żewġ piedi u nofs telgħet ieħor ta' disa' pulzieri u dan ittella fuq in-naħa ta' l-attur li hija ogħla minn tagħha. Is-soluzzjoni ta' l-espert tekniku hija li għandha tittella qoxra oħra biex il-ħajt jerġa' jiġi kif kien. Bir-rispett kollu din is-soluzzjoni għalkemm tista' tidher prattika m'hijiex legalment aċċettabli u l-istess espert meta ġie inġunt biex jixhed qal meta mistoqsi mil-Qorti jekk il-ħajt riedx jitla' mill-art fejn għandha livell inferjuri irrisponda fl-affermattiv. Iktar qabel qal; "*Kif qed nara jien bħala bniedem tekniku irid jitla' n-naħa ta' isfel tal-fond il-baxx u mhux jitla' fin-nofs għax il-wisa' tal-ħajt kif qed naraha jien hija ta' min hu l' fuq* (fol 211 *et sequitur*).

"Għalhekk hu ċar li l-ħajt għandu jinbena fuq in-naħa ta' isfel u cioe` in-naħa tal-konvenuta u mhux kif tellgħetu l-istess konvenuta. It-talba attriċi f'dan is-sens hija għalhekk

ġustifkata u ma tiġix solvuta jekk jitwessa l-ħajt mil-ġdid għaliex inkella l-konvenuta tkun qed timpinġi fuq l-art ta’ l-attur.

“Fir-rigward tal-btieħi jew maqjel il-perit tekniku kkonkluda illi *bla dubju ta’ xejn il-kamra / rażżett tmur mal-plot D1 tal-attur fil-waqt li l-maqjel imur mal-Plot E1 tal-konvenut(a).*

“Bir-rispett kollu l-Qorti ma taqbilx ma’ din il-konklużjoni għas-sempliċi raġuni illi l-kuntratt ta’ diviżjoni jindika ċar li l-porzjoni assenjata lill-attur *tinkludi kamra u rażżett zghir* (fol 17) filwaqt li dik adjaċenti assenjata lil-konvenuta ma tinkludi xejn minn dan. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta’ l-attur li kemm il-Perit Zammit u kemm l-espert nominat minnha ippruvaw jirranġaw ċerti diskrepanzi li kien hemm fil-kejl oriġinali billi jżidu l-porzjon tal-konvenuta. Dan ħadd ma seta’ jagħmlu għaliex il-partijiet iddikjaraw ruħhom sodisfatti bid-diviżjoni; jekk kien hemm xi zball dan ma kienx il-mod li jiġi rettifikat. Għalhekk anke l-kamra u razzett jappartjeni għal porzjon proprjeta` ta’ l-attur.

“Il-Qorti għalhekk tħoss li l-attur ipprova l-każ tiegħu kemm fir-rigward tal-ħajt u kemm fir-rigward tar-razzett, ċertament ai termini ta’ l-azzjoni publikana, anzi fil-fehma tal-Qorti lil hinn minn kull dubju. Jibqa’ allura l-bir. Il-perit tekniku kkonkluda li hemm żewġ soluzzjonijiet izda l-aħjar waħda kienet li jinbena ħajt adekwat li jimxi fl-istess direzzjoni tal-ħajt D1 E1. Billi l-bir jidher li qiegħed taht iż-żewġ proprjetajiet il-Qorti taqbel li għandu jindena ħajt li jifred iż-żewġ proprjetajiet anke fil-bir biex il-partijiet ma jkollhomx iktar x’jaqsmu ma’ xulxin. Dan għandu jsir skond il-linji ffissati mil-perit tekniku anke jekk jistgħu ma jkunux issa kompatibbli ma’ dak li ddeċidiet il-Qorti fir-rigward tar-razzett. Il-ħajt pero` għandu jinbena a spejjeż ta’ l-attur għaliex qed isir għal-benefiċċju tiegħu. Rigward l-ispejjeż tal-kawża l-Qorti tħoss li billi l-fatti specje tal-kawża huma ta’ l-azzjoni *finum regundorum* u wkoll għax il-konvenuta mxiet fuq il-linji traċċjati minn espert, dawn għandhom jinqasmu ugwalment.”

**L-appell tal-konvenuta Sylvia Cutajar**

Il-konvenuta Sylvia Cutajar hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fl-20 ta' Novembru, 2006 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tichad it-talbiet attrici u fl-eventwalita` li thoss li ghandha takkolji xi domandi minnhom allura takkolji biss id-domanda riferibilment ghal bini tal-hajt fil-bir, a spejjez tal-istess attur u taht is-sorveljanza tal-perit gudizzjarju, bl-ispejjez kollha tal-kawza a kariku tal-attur appellat.

L-attur appellat pprezenta risposta ghall-appell tal-konvenuta fejn issottometta li l-aggravji tal-konvenuta appellanti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u b'hekk tigi konfermata s-sentenza appellata.

**Ikkunsidrat:**

B'kuntratt ta' divizjoni tal-15 ta' Marzu, 1985 ppublikat min-Nutar John Gambin, l-attur u l-konvenuta gew assenjati rispettivament l-ewwel porzjoni u t-tielet porzjoni, liema porzjon jinkludu l-*plots* D u DD u l-*plots* E u EE rispettivament, u dana skond pjanta annessa preparata mil-perit Emmanuel Zammit u li tinsab esebita a fol. 36 tal-process. Din il-pjanta kienet giet ippreparata billi sar *enlargement* minn *survey sheet*. Sussegwentement il-partijiet kienu qabbdu lil-Perit Ian Zammit biex jinterpreta l-qsiem u l-linji divizorji u jittrasferixxi dawn il-punti attwalment fuq l-art.

Jidher li ghall-ewwel kollox mar sew izda aktar tard l-attur deherlu li:-

a) il-hajt tas-sejjieh C/E twaqqa u l-hajt li tela' floku ma telax fejn kellu jitla';

b) il-btiehi/maqjel fil-plot E1 kienu parti mir-razzett u ghalhekk kellhom ikunu ma' Plot D1 u mhux E1;

c) il-bir hdejn il-kamra/razzett kien in parti taht art tieghu u allura kellu dritt ghal dan il-bir.

Kien ghalhekk li l-attur istitwixxa dawn il-proceduri fejn talab bazikament li jigi dikjarat li l-qsami stabbiliti mil-Perit Ian Zammit ma humiex konformi mal-konfigurazzjoni, kejl u kontenut mal-porzjonijiet assenjati lil-kontendenti bil-kuntratt ta' divizjoni imsemmi.

**Ikkunsidrat:**

Il-Perit tekniku nkarigat mill-ewwel Qorti biex jezamina l-ilmenti ta' l-attur irrelata hekk (a fol. 81 et seq.) dwar it-talbiet attrici:

**"<u>Il-hajt bejn il-plots E u D</u>**

"Jirrizulta illi l-perit Ian Zammit ma giex imqabbad biex jimmarka l-pozizzjoni ta' dan il-hajt. Dan qalu kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta fix-xhieda taghha.

"Meta l-konvenuta giebet il-permess ghal bini fuq plot E, ir-ragel taghha mar fuq l-ghalqa u wahhal hadied biex jimmarka l-pozizzjoni tal-hajt tas-sejjieh qabel ma jnehhi dan l-istess hajt tas-sejjieh. L-attur ma kienx kuntent b'dawn il-marki tal-hadied u qal lil-konvenut "dan ma tista' iccaqlaqhom". Jidher li ghalkemm ma kienx kuntent xorta wahda ma ghamel xejn biex jimmarka l-pozizzjoni tal-hajt tas-sejjieh b'xi marki fissi (bhla zebgha jew inqiex fil-blat) u telaq u halla f'idejn il-konvenut.

"Ta' min hawn jghid li l-ghalqa D tal-attur hi aktar gholja mil-ghalqa tal-konvenuta E u l-hajt li jiddividihom kien ta' hxuna ta' zewg piedi u nofs. Dawn xehduh kemm l-attur kif ukoll zewg il-konvenuta.

"Mill-access ma setax jigi kostatat jekk il-hajt singlu tad-9 pulzieri telax fuq il-linja medjana tal-hajt tas-sejjieh jew fit-tarf tal-hajt tas-sejjieh in-naha tal-attur u dan peress li meta sar l-access ma kien hemm ebda hjiel ta' fejn kien il-hajt tas-sejjieh. Lanqas ma sottoskritt seta' jiskala minn fuq il-pjanta Dok JG/1 (il-pjanta mal-kuntratt ta' divizjoni)

peress li din ma kienitx preciza tant li fejn seta’ jsir xi *checking*, irrizulta li din il-pjanta hi *inaccurate.*

“Ta’ min hawn jghid li l-konvenut qal li hu tella l-hajt divizorju bejn plot D u E tad-9 pulzieri u fuq il-linja medjana tal-hajt tas-sejjieh ta’ zewg piedi u nofs hxuna u dan ghamlu ghax hu kien jippretendi li din il-hxuna tal-hajt kienet nofsa tieghu u nofsa ta’ l-attur. Fil-fatt dan mhux hekk ghax peress li l-ghalqa tal-attur hi aktar gholja minn dik tal-konvenut allura l-hxuna tal-hajt tappartjeni lill-ghalqa aktar gholja, cioe` lill-attur u l-attur hu intitolat ghal hxuna kollha tal-hajt u ghaldaqstant is-sottoskritt ihoss li l-konvenut ghandu jtella’ qoxra ohra tad-disa’ pulizieri vicin ta’ u parallela ma’ dak il-hajt gia` mtella biex b’hekk jersaq vicin hafna ghal hxuna u posizzjoni tal-hajt tas-sejjieh li kien hemm qabel. (Ara Dok JEV/5, JEV/6, JEV/7, JEV/8).
“Ghaldaqstant it-tieni talba tal-attur ghandha tigi ikkonsiderata.

“Rigward l-ewwel talba, is-sottoskritt ighid li hu veru li dak li qal l-attur li l-kamra/razzett kellha maghha zewg giardini/maqjel accessibbli permezz ta’ zewg bibien (Ara Dok JEV/2, JEV/3) pero` l-pjanta attacjata mal-kuntratt ta’ divizjoni turi li l-kamra/razzett kienet fil-plot D1 tal-attur filwaqt li l-maqjel kien fil-plot E1 tal-konvenuta. Minn imkien ma jirrizulta li r-razzett u maqjel jappartjenu lil-plot D1.

“Ghaldaqstant is-sottoskritt jikkonkludi illi bla dubju ta’ xejn il-kamra/razzett tmur mal-plot D1 tal-attur filwaqt li l-maqjel imur mal-plot E1 tal-konvenuta.

“Rigward il-bir dan hemm zewg soluzzjonijiet, jew jintuza miz-zewg partijiet fi granet differenti jew ahjar jinbena hajt adekwat fil-bir, li jimxi fl-istess posizzjoni u direzzjoni tal-hajt D1 E1.

“Rigward il-pont “b” fuq Dok JG/1 is-sottoskritt ighid u jikkonferma dak li ghamel il-perit Ian Zammit, cioe` li caqlaq il-pont “b” aktar il-fuq milli jidher fuq il-pjanta ta’ divizjoni, u dan peress li l-pjanta kif pinguta ma taqbilx

mal-fatti u ghalhekk biex ikun gust, il-perit Ian Zammit mexxa l-pont “b” ftit aktar il-fuq.”

**Ikkunsidrat:**

L-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni r-rapport tal-perit tekniku, x-xhieda ta’ l-istess in eskussjoni u l-provi prodotti, u ddipartiet in parte mil-konkluzzjonijiet tal-istess perit tekniku, u fir-rigward tal-bir accettat l-alternattiva suggerita mill-istess perit. Infatti fir-rigward tas-suggeriment maghmul mill-espert dwar il-wisa’ tal-hajt tas-sejjieh l-ewwel Qorti rriteniet li ma ghandhiex titella’ qoxra ohra kif suggerit billi dan ma huwiex legalment accettabbli billi, skond ma rritjena l-istess espert, il-hajt jappartjeni lill-proprjeta` li tinsab aktar fl-gholi, u kompliet “*hu car li l-hajt ghandu jinbena fuq in-naha ta’ isfel u cioe` in-naha tal-konvenuta u mhux kif tellghetu l-istess konvenuta.*”

Il-konvenuta hasset ruhha aggravata mid-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti sew fir-rigward tal-hajt divizorju kemm fir-rigward tal-fatt li l-maqjel gie dikjarat bhala formanti parti mis-sehem ta’ l-attur.

**Ikkunsidrat:**

L-Artikolu 410 tal-Kap 16 jitkellem dwar il-proprjeta` ta’ hitan divizorji bejn btiehi, gonna jew ghalieqi u jiddisponi hekk:

“(1) Il-hajt li qieghed biex jaqsam btiehi, gonna jew ghelieqi, jitqies ukoll komuni, fin-nuqqas ta’ sinjal jew prova ohra li turi l-kuntrarju.

“(2) Jekk il-hajt jaqsam btiehi, gonna jew ghelieqi, li qeghdin wahda f’invell aktar gholi minn dak ta’ l-ohra, il-bicca tal-hajt li, meta jittiehed b’qies il-fond aktar baxx, taqbez il-gholi rispettivament imsemmi fl-Artikolu 408 titqies li hija ta’ sid il-fond aktar gholi.” (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Billi hawn il-hajt tas-sejjieh kien jissepara zewg ghelieqi, l-istess hajt kien ta’ proprjeta` tal-attur u ghalhekk l-attur

kellu dritt ghal-wisa’ kollu ta’ l-istess hajt tas-sejjieh. Konsegwentement il-konvenuta invadiet il-proprieta` ta’ l-attur meta bniet il-hajt tal-kantun f’nofs il-wisa’ tal-istess hajt tas-sejjieh. Huwa ghalhekk ukoll irrilevanti dak li ssostni l-konvenuta li hija bniet il-hajt il-gdid in parti dobblu u in parti singlu billi bl-istess fatt li in parti dan il-hajt inbena bid-dobblu jfisser li l-konvenuta okkupat aktar mill-proprieta` tal-attur. L-aggravju tal-konvenuta f’dan ir-rigward mhux gustifikat.

Dwar il-kamra/razzett u l-btiehi/maqjel hawn ukoll l-ewwel Qorti ma qablitx mal-konkluzzjoni tal-perit minnha nkarigat u dana “*ghas-semplici raguni illi l-kuntratt ta’ divizjoni jindika car li l-porzjoni assenjata lill-attur tinkludi kamra u razzett zghir (fol 17) filwaqt li dik adjacenti assenjata lill-konvenuta ma tinkludi xejn minn dan.*” Minn qari tad-deskrizzjonijiet tal-bictejn raba assenjati lill-kontendenti (a fol. 17 u 19 tal-process) skond il-kuntratt ta’ divizjoni jirrizulta dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti, billi effettivament il-paragrafu 11(b) tal-ewwel porzjoni li giet assenjata lill-attur tindika li l-art f’Wied il-Qoton mmarkata bhala DD “*tinkludi kamra u razzett zghir*” mentri l-porzjoni art mill-istess artijiet ta’ Wied il-Qoton li giet assenjata lill-konvenuta u kif deskritta fil-paragrafu 10(b) tat-tielet porzjoni wkoll fl-imsemmi kuntratt, ma ssemmi xejn. Inoltre gie rilevat li kamra/razzett kellha maghha zewg giardini/maqjel accessibbli permezz ta’ zewg bibien (skond ma rraporta l-istess perit tekniku) u wiehed ghalhekk ghandu jikkonkludi li dan il-maqjel kien jifforma parti integrali minn u jmur mar-razzett billi ma jinghad xejn fil-kuntratt tal-qasma li dawn il-bibien kellhom jinghalqu jew jigu mbarrati. L-aggravju tal-konvenuta appellanti f’dan ir-rigward wkoll, ghalhekk, mhux gustifikat.

Dwar il-qasma tal-bir kif jinghad fis-sentenza appellata l-konvenuta accettat dak li hemm ordnat fl-istess sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenuta qeghda wkoll tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti cahdet it-tielet eccezzjoni minnha sollevata li kienet fis-sens li la darba l-partijiet iddikjaraw ruhhom kuntenti u

sodisfatti bil-qasma kif maghmula fil-kuntratt tal-15 ta' Marzu, 1985 allura l-attur kien prekluz li jippromwovi din l-azzjoni. Biss din il-Qorti taqbel pienament ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li l-azzjoni attrici ma kienitx intiza biex tikkontesta d-divizjoni *ut sic* izda l-mod kif giet interpretata mill-perit li kien inkarigat jaghmel il-qsami. In effetti kull ma talab l-attur b'din l-azzjoni kien li jigi <u>implimentat</u> dak li hemm fil-kuntratt u xejn aktar, u f'dan is-sens l-attur kien perfettament fid-drittijiet tieghu. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuta qed jigi michud u s-sentenza apellata kkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez ta' dan l-appell ghall-istess konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------